ID-DIPARTIMENT GĦALL-KURRIKULU,
TAGĦLIM TUL IL-ĦAJJA U IMPJEGABILITÀ
Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Medji 2023

IS-SEBA' SENA L-ISTUDJI SOĊJALI L-ISKEMA TAL-MARKI

Taqsima A

1. informazzjoni	2. il-familja	3. influwenza	4. estiżi	5. nukleari
6. soċjalizzazzjoni	7. l-ħiliet soċjali	8. regoli	9. nirrispettaw	10. il-politika

marka x 10 = 10 marki

Taqsima B

1. c	2. b	3. c	4. c	5. b
6. a	7. b	8. a	9. c	10. c

marka x 10 = 10 marki

Taqsima C

1. veru	2. veru	3. falz	4. veru	5.falz
6. veru	7. falz	8. falz	9. falz	10. veru

marka x 10 = 10 marki

Taqsima D

Mistoqsija	Marki	Tweġibiet *Dawn it-tweġibiet huma biss indikattivi. Kull opinjoni oħra relevanti u valida għandha tkun aċċettata. L-istudenti għandhom jagħtu żewġ eżempji għal kull sitwazzjoni.*
1.	2,2	• Jirrispetta lill-cub master u josserva r-regoli, • Jagħmel l-attivitajiet organizzati, • Ikun ta' għajnuna lil sħabu meta jkollhom iwettqu xi attività, • Jisma' l-ideat tal-oħrajn u anke jgħid tiegħu.
2.	2,2	• Spjega lil sħabek li kulħadd għandu kapaċità u talent li m'għandux x'jaqsam mar-razza u kulur ta' ġilda, • Iddiskuti ma' sħabek dwar xi tfisser diversità, • Staqsi lill-għalliema biex jagħmlu diskussjoni fil-klassi li titratta r-razziżmu u d-diskriminazzjoni.
3.	2,2	Attivitajiet jistgħu jinkludu: • riċiklar, • logħob ta' ġewwa (eż. table tennis u chess), • attivitajiet sportivi, drama.

4.	2,2	• Għandna nevitaw it-tgħajjir u kliem ħażin, • Nieħdu gost ma' sħabna mingħajr ma noffendihom, • Niffukaw fuq l-att reliġjuż u soċjali tal-festa.
5.	2,2	Ngħidlu li • kemm nisa u kemm irġiel jistgħu jsuqu vettura u s-sess tax-xufier ma taffettwax il-kapaċità, • kemm Maltin kif ukoll barranin jistgħu jsuqu jekk ikollhom il-liċenżja, it-taħriġ neċessarju u l-etniċità ma taffettwax il-kapaċità fis-sewqan, • kull bniedem għandu moħħ u li kemm ikun jaf isuq tiddependi fuq l-intelliġenza, • l-ugwaljanza twassal għal ġustizzja u opportunitajiet indaqs.
TOTAL	**20**	

Taqsima E

Mistoqsija	Marki	Tweġibiet *Dawn it-tweġibiet huma biss indikattivi. Kull opinjoni oħra relevanti u valida għandha tkun aċċettata.*
1.	3	Il-ġeneru jiġbor fih dak li hu mistenni minn persuna bħala mara u dak li hu mistenni minn persuna bħala raġel, f'soċjetà. Il-ġeneru jikkonċerna differenzi psikoloġiċi, soċjali u kulturali bejn il-persuni li jiġu influwenzati mis-soċjalizzazzjoni sa minn età żgħira.
2.	3	It-tfal jitgħallmu minn relazzjonijiet li jkollhom fil-familja, kif ukoll minn logħob immirat għall-bniet jew għas-subien, mill-midja u mill-kotba.
3.	2,2,2	*Isemmu tliet eżempji minn:* • Tistudja għal karriera, • Tipparteċipa fid-dinja tax-xogħol, • Ix-xogħol tad-dar mhux bilfors li jaqà f'idejha, • l-istess drittijiet u dmirijiet daqs il-parti l-oħra fil-familja.
4.	3	Familja rikostitwita hija familja b'wieħed mill-ġenituri jew iż-żewġ ġenituri għandhom tfal minn relazzjoni preċedenti, iżda jingħaqdu flimkien biex jiffurmaw familja ġdida.
5.	2,3	Normi huma regoli mhux miktuba. *Isemmu eżempju bħal*: • iżżomm il-kju, • tiekol bil-furketta u s-sikkina, • ma tmeċlaqx.
6.	2,2,2	*Isemmu tliet eżempji minn*: • Xi rġiel ikollhom opportunitajiet aħjar fis-soċjetà u jkunu preferuti għal xi xogħlijiet. • In-nisa għadhom jingħataw rwoli ta' caregivers. • Mara tqila ma tiġix aċċettata għal ċertu xogħlijiet. • Persuna tingħata paga inqas minħabba l-kulur tal-ġilda tagħha jew l-orjentazzjoni sesswali tagħha.

7.	2,2	*Isemmu tnejn minn*: • Tkun taf tisma' u tifhem lill-oħrajn, • Ikun hemm komunikazzjoni tajba, • Jittieħdu d-deċiżjonijiet fuq il-prinċipju ta' demokrazija.
TOTAL	**30**	

Taqsima F

Fil-paragrafu, l-istudenti għandhom juru li jafu s-suġġett, jagħtu definizzjonijiet ċari u joħorġu b'ideat rilevanti. L-20 marka jitqassmu kif ġej:

18-20 – Tajjeb ħafna
12-17 – Tajjeb
8 - 11 – Mhux ħażin
0 – 7 – Mhux tajjeb

Mistoqsija	**Marka**	**Tweġibiet** *Dawn it-tweġibiet huma biss indikattivi. Kull opinjoni oħra relevanti u valida għandha tkun aċċettata.*
1.	20	L-inklużjoni soċjali hija meta kull persuna jkollha aċċess għal opportunitajiet u għal drittijiet. Insibu gruppi sħaħ ta' persuni li mhumiex inklużi fis-soċjetà, bħal persuni b'diżabilità u persuni fqar u b'hekk jibqgħu dejjem żvantaġġati. Sfortunatament, f'kull pajjiż insibu ċertu gruppi: kemm jekk immigranti, inkella popli lokali u minoranzi oħra, li jsibu l-ostakli li jżommuhom milli jipparteċipaw bis-sħiħ fil-ħajja politika, ekonomika u soċjali tan-nazzjon tagħhom. Dawn il-gruppi huma esklużi minħabba sterjotipi, stigmi u superstizzjonijiet ibbażati fuq sess, razza, etniċità, reliġjon, orjentazzjoni sesswali u identità sesswali, jew status ta' diżabilità. Dawn jeqirdulhom id-dinjità, is-sigurtà, u l-opportunità li dawn in-nies jgħixu ħajja aħjar.
2.	20	Pajjiż isir multikulturali: • meta ċ-ċittadini jsiru aktar tolleranti lejn ċittadini oħra; • meta jkun hemm ħafna aktar immigrazzjoni ta' ħaddiema minn pajjiżi differenti; • meta jiġu aċċettati valuri differenti u twemmin ġdid; • meta jkun hemm taħlit ta' ideat u attitudnijiet bejn barranin u lokali permezz tat-turiżmu; • meta jkun hawn dħul ta' ideat, normi u valuri ġodda permezz tal-midja; • meta jkun hawn aktar żwiġijiet bejn Maltin u barranin.
3.	20	Tipi differenti ta' familja: • Familja rikostitwita: fejn il-ġenituri jkunu ġejjin minn familji li kienu ffurmaw qabel u li issa saru parti minn familja ġdida. Dawn it-tip ta' familji saru possibbli f'Malta wara l-introduzzjoni tal-liġi tad-divorzju.

		• Familja b'ġenituri tal-istess sess: koppji omosesswali llum għandhom dritt jiffurmaw familji ġodda u jkollhom l-ulied. Dawn it-tip ta' familji saru possibbli f'Malta wara li l-unjoni ċivili bejn persuni gay saret liġi. • Familja b'ġenitur wieħed: dan jista' jkun minħabba diversi raġunijiet bħall-mewt, separazzjoni, jew tqala qabel jew barra ż-żwieġ.
TOTAL	**20**	

Total: 100 marka